21 ta' Marzu, 1953.

**Imħallef:**
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Il-Pulizija** *versus* **Gio Maria Sammut**

## Ġlied u Storbju — Preċett Penali.

*Min isib ruħu implikat f'inċident li hu ma setax jevita u li ġie mpost fuqu, ma għandux jiġi ritenut ħati ta' storbju in konnessjoni ma' dak l-inċident.*

*Jekk issir ġlieda bejn tnejn min-nies, u l-Qorti ssib li għandha timponi garanzija, din għandha tiġi mposta fuqhom it-tnejn meta t-tort ikun tat-tnejn, u mhux aktar meta l-ġlieda qalagħha wieħed minnhom biss; għax it-temibilità, li hija l-bażi tal-garanzija, hija għar-rigward ta' dak li jkun ġieb il-ġlieda, u mhux ta' dak li jkun sab ruħu "nolente" koinvolt fiha, meta ċ-ċirkustanzi ma jiġġustifikawx bl-ebda mod li hemm biża' li jkun hemm ksur ta' l-ordni publiku da parti tiegħu.*

B'sentenza tagħha tas-16 ta' Jannar 1953, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabet lill-imputat ħati ta' storbju u ta' offiża volontarja ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Salvatore Gauci, u kkundannatu għall-piena ta' l-ammenda ta' £1 għall-ewwel reat, u għall-piena tal-multa ta' £5 għar-reat l-ieħor; u dippjù imponietlu garanzija ta' £50 biex ma *jimmolestax* lil Gauci għal żmien sena;

Trattat l-appell, din il-Qorti kkunsidrat;

Mill-kumpless tal-provi, inklużi dawk mismugħa fil-kawża "Pulizija vs. Gauci" li sejra tiġi deċiża l-lum, u li bil-kunsens tad-difiża u tal-Prosekuzzjoni ġiet abbinata fit-trattazzjoni ma' din il-kawża, stante l-uniċità tal-fatt, il-Qorti hija soddisfatta li l-inċident kien provokat minn Gauci. Dan ippretenda li jgħaddi minn fuq ir-raba' ta' l-appellant, u, meta l-appellant laqgħu, minflok ma ddeżista, u mbagħad, jekk deherlu li għandu d-dritt, fittex bil-mezzi legali, irrikorra għand ċertu Vella; dan qallu li kellu d-dritt li jgħaddi; allura rritorna fuq il-post u ried jgħaddi b'forza, u beda jwaddab ġebel ta' daqs mhux indifferenti lill-appellant, u laqtu u kkaġunalu ferita ta' natura ħafifa. L-appellant tah daqqa ta' zappuna, ossija imgħażqa, u kkaġunalu wkoll offiża ta' natura ħafifa;

Il-Qorti ssib, għalhekk, li l-appellant ma jistax jiġi addebitat ta' storbju, għax ma kienx fil-poter tiegħu li jevita l-*iżvolġiment* ta' l-inċident li ġie impost fuqu. Issib ukoll li l-appellant, kwantu għall-imputazzjoni ta' offiża volontarja, għandu jgawdi mill-benefiċċju tal-minoranti tal-provokazzjoni mill-parti ta' Gauci bix-xħit tal-ġebel. Issib, in fine, li ma hux ġust, fiċ-ċirkustanzi tal-każ kif fuq deskritti, li tiġi imposta għak-kariku ta' l-appellant il-garanzija "de non offendendo" ossija "de bene vivendo", meta hu kien bi kwietu fir-raba' tiegħu u Gauci qalgħalu dan l-inkwiet;

Il-Qorti *tirrileva* li l-*kawzjoni* għandha tiġi imposta *fuq* it-tnejn li jkunu ġġieldu meta tort ikollhom it-tnejn, imma mhux meta l-ġlieda jkun qalagħha wieħed minnhom biss; appuntu għaliex *it-temibilità hi għar-rigward* ta' dak li jkun ġieb il-ġlieda, u mhux ta' dak li jkun sab ruħu, "nolente", koinvolt fiha;

A propożitu ta' dan il-punt tal-garanzija, għandu jiġi osservat li din il-kawżjoni "to keep the peace" ġiet fil-Liġi Tagħna mil-Liġi Ingliża, jew aħjar mill-prattika tal-Maġistrati Ingliżi; għax verament, għalkemm f'ċerti liġijiet Ingliżi dan il-poter "to bind over" jissemma espressament, bħal fis-sect. 25 Summary Jurisdiction Act ta' l-1879, l-istess poter ġej b'evoluzzjoni fl-Ingilterra matul aktar minn 600 sena. tant li fil-każ Lansbury v. Riley (1914) 3 K.B. 229, meta dan appella minn deċiżjoni li kienet ippreċettatu talli inċita s-suffraġetti għal attijiet ta' vjolenza, appilja ruħu għall-kliem ta' Statut ta' żmien Edward III, li rrenja fill-bidu tas-seklu erbatax. Mr. Justice Avory, però, irrileva li "the Magistrates' power went back beyond the Act of Edward III". Għalkemm fid-diversi każi li ġew quddiem il-Qorti Ingliżi ġie dejjem affermat li dan il-poter hu ferm wasa', fis-sens li tingħata diskrezzjoni kbira lill-Maġistrat — infatti intużat il-frażi "the catholicity of this power" — eppure, fl-istess ħin li ġiet affermata din id-diskrezzjoni, Mr. Justice Humphreys irribadixxa dak li għap-propożitu kien qal il-Blackstone, illi "the Magistrate may properly bind over a person in any case, where it is apprehended that it is likely he will commit a breach of the peace, or that he will do something against the law". Fir-rivista legali "The Magistrate", Vol. IX, no. 10, Lulju-Awissu 1951, ċertu Justice of the Peace staqsa jekk, f'każ ta' "assault" fejn anki l-"complainant" kien "partly to blame', setax jippreċetta t-tnejn. Fir-risposta ġie lilu ribadit li jrid ikun hemm, fil-konfort tal-persuna preċettanda, "an apprehension of a breach of the peace". Issa, f'dan il-każ l-imputat sab ruħu f'dan l-inċident bla ma ried, u ċ-ċirkustanzi tal-każ ma jiġġustifikawx bl-ebda mod li hemm biża' li jkun hemm "a breach of the peace" mill-parti tiegħu;

Għalekk tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, fis-sens li tirriforma s-sentenza appellata b'dan il-mod;

Tiddikjara lill-appellant mhux ħati ta' storbju, u teħelsu minn din l-imputazzjoni u mill-piena relativa;

Tiddikjarah ħati ta' offisa volontarja ta' natura ħafifa, iżda skużabili minħabba provokazzjoni, u wara li rat l-art.

246. (c) Kap. 12, tirriduċi l-piena mill-multa ta' £5 għal-ammenda ta' £1. 10. 0;

Tneħħi l-garanzija mposta mill-Maġistrat;

U b'hekk iddisponiet mill-appell.